**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 18 ta' Novembru 2019**

**Rikors nru: 484/2019 AGV**

**AB sive C (ID nru: 170268 M)**
**Vs**
**DEF (ID nru: 436162 M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' AB sive C, fejn ppermettiet u talbet is-segwenti;

1. Illi l-partijiet izzewwgu fil-Knisja tas-Salib Imqaddes fil-Floriana, fit- 22 ta' Ottubru 1988, u dan kif jidher minn certifikat taz-zwieg u mmarkat bhala Dok A, liema zwieg taghhom gie registat fir-registru Pubbliku ta' Malta.
2. Illi minn daz-zwieg huma kellhom zewgt ulied, GHF, u IF, li llum t-tnejn huma maggorenni u ma hemm ebda obbligazzjoni ta' manteniment dovut lejn l-ulied jew lejhom personali;

3. Illi l-partijiet isseparaw b'kuntratt redatt min Nutar Dorianne Arapa datat 18 ta' April 2012, u dan kif jidher mill-kopja tal-kuntratt hawn anness u mmarkat Dok B;
4. Illi m' hemm l-ebda prospett ragenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi t-tnejn il huma jghixu hajja differenti minn xulxin;
5. Illi ihom fattwalment separati minn xulxin sa mid-data tal-kuntratt ta' separazzjoni u cjoe' 18 ta' April 2012 u ghaldaqstant ilhom hafna aktar minn 4 snin li huma l-minimu li tirrikjedi u titlob il-Ligi;
6. Illi fl-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni (pagna 2 klawsola numerata 3), -partijiet reciprokament irrinunzaw mid-dritt li jippercepixxu manteniment fir-rigward ta' xulxin;

   Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw l-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kodici Civili, Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi l-attrici tixtieq tibqa' izzomm kunjomha ta' B.

Ghaldaqstant, umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex;

1. Tippronzunja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati, sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, bid-divorzju, u l-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi debitament registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti osservat li fis-seduta tat-Tnejn 18 ta' Novembru 2019, l-intimat mhux qed jopponi ghat-talba tar-rikorrenti ghal tali divorzju.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

Marilyn Bugeja
Dep Reg